**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.**

**Illum 13 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**
**Kenneth Cassar**

**Kumpilazzjoni Nru: 847/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Cassar detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 470480M.

1. Akkuzat talli fid-9 ta' Settembru, 2014 ghal habta 00:30hrs, gewwa Triq l-Isqajjaq Hal Tarxien, Malta u fid-9 ta' Settembru, 2014 ghal habta ta' 11:45hrs gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, Malta u fix-xhur ta' qabel, f'Malta ta fastidju lil Anita Magro, i.d. nru: 94984M u lil Lourdes Magro, i.d. 279459M u dan bi ksur tal-Artikli 251A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

2. Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, talli ikkaguna lil Anita Magro, i.d. nru: 94984M u lil Lourdes Magro, i.d.nru: 279459M biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-

persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artiklu 251B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

3. Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi segwa il-persuni ta' Anita Magro, id. Nru: 94984M u lil Lourdes Magro, i.d. nru: 279459M biza f'ghall-inqas f'zewg okkazjoniiet li ser tintuza l-vjolenza fuqhom, ikkaguna fuq il-persuni ta' Anita Magro i.d. nru: 94984M u lil Lourdes Magro, i.d. nru: 279459M, allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet ta' kuljum u dan bi ksur tal-artiklu 251 BA tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

4. Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser garanzija ghal sentejn imposta minnu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta nhar is-17 ta' Gunju, 2013 mill-Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit, LL.D.

5. Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser l-Artiklu 22, Kap 446 impost fuqu ghal sentejn u Protection Order, artiklu 412 impost nhar is-17 ta' Gunju, 2013, mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr Claire L Stafrace Zammit LL.D.

6. Akkzuat talli nhar id-9 ta' Settembru, 2014, ghal habta tal-00:30hrs. Waqt li kien fi Triq l-Isqajjaq, Hal Tarxien, ingurja jew hedded lil Anita Magro, i.d. nru: 94984M u lil Lourdes Magro, i.d. nru: 279459M bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**7.** Akkuzat talli nahr id-9 ta' Settembru, 2014, ghal habta ta' 00:30hrs waqt li kien fi Triq l-Isqajjaq, Hal Tarxien, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom, qabad armi ohra (turnavit) kontra Anita Magro, i.d. nru: 94984M u lil Lourdes Magro, i.d. nru. 279459M bi ksur tal-Artiklu 339 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu moghtija lil Kenneth Cassar u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

- 251A, 222(1)(a) u 202(1)(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 251BA, 222(1)(a) u 202(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 412C(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
- 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz ikompli bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg incidenti li sehhew wiehed nhar id-9 ta’ Settembru 2014 ghall-habta tan-nofs-siegha ta’ fil-ghodu (00.30hrs) gewwa Triq l-Isqajjaq Hal-Tarxien, u l-iehor aktar tard dak in-nhar stess, ghall-habta tan-nofsinhar nieqes kwart (11.45hrs) gewwa l-ghassa tal-pulizija ta’ Rahal l-Gdid.

Illi mill-atti jirrizulta li Anita Magro u l-imputat kienu f’relazzjoni li minnha kellhom erbghat itfal. Minn dawn l-akbar wiehed jghix ma’l-imputat fil-waqt it-tlieta l-ohra jghixu ma’ Magro; jidher li fil-perjodu in ezami Anita Magro kienet tghix ma’ ommha Lourdes Magro.

Illi mill-verzjoni mghotija minn Anita Magro u Lourdes Magro jidher li fid-9 ta’ Settembru 2014 ghall-habta ta’ nofs il-lejl Anita u Lourdes Magro, flimkien ma’ ulied Anita, kienu qed jirritornaw id-dar wara li kienu qattghu xi hin barra. Hekk kif irritornaw Lourdes Magro iddecidiet li tiehu xi skart biex tarmih fi skip li kien hemm fil-vicinanzi tad-dar taghha; maghha kienu ser imorru tnejn mit-tfal. Hekk kif kienu ser jaqsmu waqfet karozza, hareg l-imputat, li kellu xi haga ’idejh, u qallha biex ittieh it-tfal. Hekk kif qalla hekk qabad lil wahda mit-tfal (Mariah) li kienet qed izommilhaidejha u hadha jigri fil-karozza; dak il-hin waqalu turnavit minn idejh. Sadattant it-

tifla l-ohra (Shania), li qabel kienet miexja hdejn Lourdes Magro sparixxiet u Lourdes hasbet li kien hadha l-imputat ukoll. L-imputat sadattant saq 'l hemm fil-waqt li Anita u Lourdes marru l-ghassa biex jirrappurtaw dak li kien gara. Gara li fil-fatt Shania kienet telqet minn hdejn id-dar ta'Lourdes u marret tfittex ghajjut billi bdiet thabbat fuq il-bibien ta' xi girien. Fil-fatt xi hadd cempel lill-pulizija biex jinfurmahom li kien hemm tifla barra wahedha; il-pulizija mill-ewwel marru fuq il-post. Fil-fatt sa kemm Anita u Lourdes marru l-ghassa l-pulizija kienu diga fi triqithom biex jigbru lil Shania u haduha l-ghassa. Peress li f'dak il-perjodu l-imputat u Anita Magri kellhom kura u kustodja kongunta fuq uliehom u peress li ma kien hemm l-ebda degriet li kien jirregola fejn u ma min kellhom jirrisjedu uliedom minuri, il-pulizija ma setghux jordnaw lill-imputat biex jirritorna lill-minuri Mariah. Huma pero marru hdejn ir-residenza ta' Lourdes Magro biex ikomplu l-investigazzjoni taghhom u fil-fatt fit-triq ma'l-art sabu t-turnavit li kienet semmiet Lourdes Magro[1]. Malli kien lahqa sar hin sufficjenti Magro marru l-Qorti biex Anita titlob provvedimenti mill-Qorti tal-Familja. Gara li sadattant il-pulizija irnexxielhom jikkonvincu lill-imputat biex lil Mariah jirritorna lil ommha ghalhekk Anita u Lourdes Magro marru l-ghassa ta' Rahal l-Gdid fejn kien hemm l-imputat[2]. Malli l-imputat induna li kien hemm Anita Magro f'l-ghassa hu hareg fit-tarag u qallha biex tipprepara ruhha ghax hi ghal taht it-trab.

Illi ghandu jinghad li l-verzjoni mghotija minn Anita u Lourdes hija korroborata fil-bicca l'kbira taghha jew mill-filmat tac-CCTV li ghandhom mad-dar kif ukoll minn dak li qalu l-pulizija li investigaw il-kaz u li kienu prezenti f'l-ghassa tal-pulizija meta kien hemm kemm l-imputat u Magro.

Illi dwar l-ewwel fazi ta'l-incient u cioe dak li gara hdejn ir-residenza ta' Lourdes Magro il-filmat mehud mic-CCTV huwa car u ma' jhalli l-ebda dubbju dwar dak li gara[3]: Lourdes Magro kienet qeghda fuq il-bankina maz-zewgt itfal ta' bintha: Shania u Mariah; Lourdes qabdet hafna mill-affarijiet li kienu ghar-rimi fil-waqt li Shania qabet xi ftit affarijiet ohra u zammet lill-ohtha Mariah minn idejha. Bdew miexjen biex jinzlu l-bankina meta f'daqqa wahda waqfet karozza f'nofs tat-triq u hareg l-imputat jigri; malli raq hekk Lourdes u Shania telqu l-kaxxex minn idejhom u telqu jigri: Shania'l boghod mid-dar, Lourdes u Mariah lejn id-dar. L-imputat gera lejn id-dar u qabad lil

---

[1] Dan gie esebiet in atti.

[2] L-imputat kien qieghed fis-sular ta' fuq.

[3] Dak li jidher fil-filmat huwa xi ftit differenti minn dak li rrakkontat Lourdes Magro f'xi dettalji pero fil-bicca kbira jirrispekkja dak li rrakkontat Lourdes Magro.

Mariah; malli qabad lil Mariah waqa' xi haga minn idejh u giet fit-triq hdejn il-karozza li kien hemm ipparkjata. Dak l-oggett baqa' hemm sakemm eventwalment gabruh il-pulizija. Malli l-imputat qabad lil Mariah hada fil-karozza u saq 'l hemm. Wara ftit jidhru hiergin mid-dar Anita u Lourdes u ragel iehor.

Illi ghandu jigi rilevat li mill-provi prodotti jidher li fil-hin ta' dan l-incident Anita Magro kienet gewwa d-dar u hija haregt biss wara li ommha Lourdes dahlet tigri d-dar u l-imputatkien diga telaq minn fuq il-post.

Illi d-diskors li qal l-imputat meta kien qieghed f'l-ghassa tal-pulizija, diskors indirizzat lil Anita Magro, gie konfermat mill-pulizija li kienu prezenti. Mill-provi ma jidhirx li f'dan it-tieni incident l-imputat qal xi diskors lil Lourdes Magro jew b'xi mod iehor indirizza lilha.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat li fil-kors ta' dawn il-proceduri kien gie nominat Dr Martin Bajada biex johrog stills mill-filmat tac-CCTV li esebiet in atti. Huwa ezonera l-inkarig lillu mghoti u fil-fatt prezenta r-rapport tieghu. Permezz ta' rikors datat 6 ta' Mejju 2016 l-imputat, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab l-isfliz ta' dan ir-rapport. Ir-rikors baqa' pendenti biex jigi degretat ma'l-ghoti tas-sentenza.

Illi l-inkarigu mghoti lil Dr Bajada kien wiehed semplici hafna u cioe dak li johrog stills minn filmat esebeit mill-parte leza; dan biex jigi facilitat x-xoghol kemm tal-Qorti kif ukoll tal-partijiet.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak li gie deciz mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali Inferjuri[4] u l-Qorti ta'l-Appell Kriminali Superjuri[5] din il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguini ghalfejn ghandha tisfilza r-rapport imsemmi.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reati prospettati f'l-artikoli 251A, 252B u

[4] Ref Il-Pulizija vs Franklin Gauci deciz 26 ta' Jannar 2017.
[5] Ref Republic of Malta vs Janis Boruss deciz 23 ta' Frar 2017.

251BA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tlett reati li biex jissussistu jirrikjedu 'l hekk imsejjah *course of conduct*. Fit-tlett imputazzjonijiet qed jigi allegat li l-agir ta'l-imputat kien indirizzat kemm fil-konfornt ta'Anita Magro kif ukoll fil-konfront ta' Lourdes Magro.

Illi dwar dawn ir-reati u l-elementi kostitutivi taghhom kellha diversi opportunitajiet biex tesprimi ruhha l-Qorti ta'l-Appelli Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele[6] dik il-Qorti qalet hekk:

> *L-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fir-raba' imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Jigifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor. ....*
>
> *..... L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda*

[6] Deciza 26 ta' Novembru 2009.

*ragjonevoli. F'l-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala Words, conduct or action (usu.repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha.*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fittest Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*

lli f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali[7] qalet hekk dwar ir-reat kontemplat f'l-artikolu 251B:

---

[7] Ref Il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza 24 ta' April 2009.

*Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma*

*jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).*

Illi ghandu jigi rilevat li r-reat prospettat f'l-artikolu 251BA tal-Kapitolu 9 gie introdott fis-sena 2014 u ghalhekk wara s-sentenza fuq kwotati pero l-principji li jemergu minn dawn is-sentenzi applikaw ukoll ghar-reat kontemplat f'l-qrtikolu 251B partikolarment ghal dak li jirrigwarda il-*course of conduct*.

Illi fil-kaz in ezami jirrizultaw zewg incidenti: wiehed li sehh ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil-ghodu u li fih kienet involuta Lourdes Magro u iz-zewgt it-tfal Shania u Mariah, u incident iehor li sehh f'l-ghassa tal-pulizija ghall-habta ta'nofsinhar li fih ntqal diskors ta' theddied fil-konfront ta' Anita Magro. Tenut kont ta' dan u cioe li gie pruvat incident wiehed biss li fih kienet vittma Anita Magro u incident wiehed biss li fih kienet vittma Lourdes Magro u tenut kont tan-natura ta' dawn l-incidenti, fil-fehma tal-Qorti dawn izzewg incidenti ma jammontawx ghall-*imgieba* rikjesta f'l-imesmmija artikoli 251A, 251B u 251BA u li hija deskritta fil-gurisprudenza fuq kwotata.

Ghal kull buon fini ghandu jinghad li fid-depozizzjoni taghha Anita Magro semmiet li ftit granet qabel xi hadd kien barxilha l-karozza; hija kienet qed tissusspetta f'l-imputat. Ma jirrizultax li Magro rat l-incident isehh, pero wara li ndunat bil-hsara fil-vettura rat l-filmat tac-CCTV li ghandha mad-dar u deherilha li kien hemm karozza li saqghet vicin il-karozza taghha u laqtietha; hija tallega lil din il-karozza hijia tal-kugin ta'l-imputat. Pero minbarra l-filmat tac-CCTV (li ma jurix la minn kien qed isuq u lanqas ma jaghti xi indikazzjoni ta' xi impatt) ma ngiebet l-ebda prova ohra fir-rigward[8]. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li ngiebet prova sufficjenti dwar dan l-incident u xi involviment ta'l-imputat fih.

Illi in vista tas-suespost l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

---

[8] L-okkorrenza esebieta ma gietx konfermata bil-gurament mill-pulizija li rredigiha

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba u l-hames imputazzjoni skond kif redatti fic-citazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser garanzija imposta fis-17 ta' Gunju 2013, u li kiser l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u protection order tas-17 ta'Gunju 2013 ukoll. Ghandu jigi rilevat li fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali r-raba imputazzjoni qed tigi bazata fuq l-artikolu 421C(7) tal-Kapitolu 9 u il-hames imputazzjoni qed tigi bazata fuq l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446. Konsegwentement, u tenut kont li hija n-nota ta' rinviju ghal gudizzju li finalment tiddetermina r-reati li dwarhom ghandha tinstab htija o meno, ir-reati li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni huma il-ksur ta' ordni ta' protezzjoni (protection order) ghar-rigward tar-raba imputazzjoni u ksur ta' ordni ta' xi sanzjoni moghtija ai termini tal-Kapitolu 446 fir-rigward tal-hames imputazzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-17 ta' Gunju 2013 inghatat sentenza fil-konfront ta'l-imputat[9]. Permezz ta' din is-sentenza, wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, l-imputat tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn snin u gie impost fil-konfront tiehu "protection order" ai termini ta'l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9[10].

Illi ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 ordni ta' protezzjoni (protection order) huwa ordni li jigi impost fuq akkuzat fil-mori ta' xi proceduri penali biex tigi protetta il-parte leza u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika. Dan l-ordni huwa distint mninn ordni ta' ta' trazzin (restraining order) li jista' jigi impost ai termini ta'l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 u li huwa intiez ukoll biex tigi protetta il-parte leza u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika, pero wara li jigu determinati l-proceduri penali u l-imputat jinstab hati. Fil-fatt huwa ordni ta' trazzin li jinghata mas-sentenza u huwa ordni ta' trazzin (kif distint minn ordni ta' protezzjoni) li ghandu jigi impost biex jorbot lill-hati wara li jigu finalment decizi l-proceduri penali.

Illi la darba l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew wara s-17 ta' Gunju 2013, u ghalhekk meta l-hati seta' jigi regolat biss b'ordni ta' trazzin ai termini ta' l-artikolu 382A, ir-raba imputazzjoni ma tistax tissussisti.

---

[9] Ref Dok HC8  a fol 85 (kopja Dokk HC14 a fol 161)
[10] Kopja hija esebieta bhala Dok HC16 a fol 225.

Illi l-hames imputazzjoni hija dik dwar l-kommissjoni ta' reat fil-perjodu ta' probation.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li fid-data li sehhew il-fatti li taw lok ghall-peroceduri odjerni sehhew f'Settembru 2014 ghalhekk fil-perjodu ta' probation imsemmi. Ghalhekk jekk tirizzulta xi htija f'xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet odjerni l-hames imputazzjoni ghandha tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sitt u tas-seba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reati prospettati f'l-artikoli 339(1)(e) u l-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; anke hawn qed jigi allegat li l-agir ta'l-imputat kien indirizzat kemm fil-konfront ta' Anita Magro kif ukoll fil-konfront ta' Lourdes Magro.

Illi kif ntqal aktar 'l fuq jirrizulta ampjament li meta l-imputat mar jigri fuq Lourdes Magro u l-minuri Shania u Mariah, huwa kellu turnavit f'idejh hekk kif jirrizulta ampjament li meta kien qieghed l-ghassa tal-pulizija l-imputat hedded lil Anita Magro.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw sodisfacjentement pruvati b'dan li s-sitt imputazzjoni tirrizulta biss ghall-agir tieghu fil-konfront ta' Lourdes Magro u s-seba' imputazzjoni tirrizulta biss ghall-agir tieghu fil-konfront ta' Anita Magro.

Illi la darba l-imputat qed jinstab hati ta' dawn ir-reati, huwa ghandu jinstab hati ukoll li ikkommetta reat waqt perjodu ta' probation (il-hames imputazzjoni).

Ikkunsidrat

Illi finalment l-imputat qed jigi abbedietat bir-recidiva. Mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta' sentenza mghotijaa fil-21 ta' Mejju 2011 l-imputat kien instab hati tar-reati hemm indikati u gie kkundannat inter alia seba' xhur prigunerija[11]. Ir-reati li taghhom qed jinstab hati permezz tas-sentenza odjerna sehhew fid-9 ta' Dicembru 2014 ghalhekk l-imputat ghandu jitqies recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

[11] Ref Dok HC7 afol 81.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura kontravvenzjonali tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-karattru refrettarju ta'l-imputat u tal-fatt li huwa nghata diversi opportunitajiet mill-Qorti biex jirriabilita lilu nifsu pero huwa baqa' jippersisti fit-triq ta'l-illegalita. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tak-fehma li ghandha timponi piena karcerarja ghar-reati odjerni pero qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghom kien tpogga taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni, it-tielet imputazzjoni, ir-raba imputazzjoni, il-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghall-ksur ta' protection order, is-sitt imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal ingurja u theddied lil Lourdes Magro, u s-seba imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal qbied ta' armi fil-konfront ta' Anita Magro u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 339(1)(e), 339(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal ksur ta' ordni ta' probation impost fis-17 ta' Gunju 2013; tas-sitt imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal theddied fil-konfornt ta' Anita Magro; tas-seba' imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal qbied ta' armi fil-konfront ta' Lourdes Magro; u tas-seba imputazzjoni dwar recidiva u fil-waqt li tikkundannah sitt gimghat detenzjoni ghar-reati odjerni taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom kien tpogga taht ordni ta' probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**